# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-19 ta' Jannar, 2017.**

**Fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni**
**Rikors Numru 1035/16/1 fl-ismijiet:**

**Adel Ashur (K.I. Nru. 55600L);**
**Eurasia Holding International Limited**
**(Company number BVI 1530908);**
**AKM Investments Holdings Limited**
**(Company number C48627);**
**Euromed Investments Limited**
**(Company number BVI 1529385) u**
**AKA Investment Holdings Limited**
**(Company number (45722)**

**vs.**

**Manfred Unger u limitatament ghal kull**
**interess u intervent li jista' jkollhom**
**in-Nutar Peter Fleri Soler,**
**u l-Avukat Dottor Abigail Critien**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat il-11 ta' Lulju, 2016; (ara foll 1);

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1 u 22), li permezz tieghu, ddikjarat sintetikament is-segwenti:

   2.1. Illi rat l-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 1);

   2.2. Illi provizorjament akkoljiet it-talbiet kontenuti fl-istess rikors promotur;

   2.3. Illi appuntat l-istess rikors ghas-smigh fl-udjenza hemm indikata;

   2.4. Illi ordnat in-notifika tal-istess lill-kontroparti ghar-risposta;

3. Rat ukoll ir-rikors ulterjuri tar-rikorrenti Adel Ashur anness mall-fuq imsemmi rikors guramentat promotur u mmarkat Dok. "MB1", (ara foll 5);

4. Rat id-dokument immarkat Dok "MB2", (ara foll 12) li hu sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Unger vs. Ashur et*** datata l-***15 ta' Dicembru, 2014***;

5.0. Rat ir-risposta ta' Dr. Abigail Critien datata z-19 ta' Lulju, 2016, (ara foll 25), inkluzi:

   5.1. Sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Ashur et vs. Unger et***, datata l-***1 ta' Gunju, 2016***, immarkata Dok 'A', (ara foll 27); u

   5.2. Diversi timbri ta' notifika hemm indikati immarkat Dok 'B', (ara foll 44);

6.0. Rat ir-risposta tan-Nutar Dr Peter Fleri Soler datata t-28 ta' Lulju, 2016, (ara foll 47), inkluzi:

6.1. Kopja tal-istess sentenza gia` indikata fil-paragrafu numru hamsa punt wiehed, (5.1.), aktar qabel, immarkata Dok 'A', (ara foll 49);

6.2. Rikors kongunt fl-***ismijiet Unger vs. Ashur et*** datat l-***14 ta' Gunju, 2016***, immarkat Dok. 'B', (ara foll 66);

7.0. Rat ir-risposta tal-intimat Manfred Unger datata s-26 ta' Dicembru, 2016, (ara foll 73), inkluzi:

7.1. Kopja tal-istess sentenza gia` indikata fil-paragrafu numru erba', (4), aktar qabel, immarkata Dok. 'A', (ara foll 75);

7.2. Kopja tas-sentenza gia` indikata fil-paragrafu numru hamsa punt wiehed, (5.1.), aktar qabel, u mmarkata Dok. 'B', (ara foll 85);

7.3. Kopja tar-rikors kongunt gia` indikat fil-paragrafu numru sitta punt tnejn, (6.2.), aktar qabel, immarkat Dok. 'C', (ara foll 102);

8. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw l-istess procedura;

Ikkunsidrat:

9. Illi essenzjalment, biex jikkawtelaw id-drittijiet minnhom pretizi, r-rikorrenti talbu li l-intimati jigu mizmuma u inibiti milli jghaddu ghall-pubblikazzjoni u ghall-iffirmar tal-kuntratt pubbliku finali ta' bejgh ta' ishma tas-socjeta` estera *Euromed Investments Limited* lill-intimat Manfred Unger (ara foll 9), u dan wara l-konvenju datat id-9 ta' Marzu, 2012, *in atti* tan-Nutar Dr. Peter Fleri Soler kif sussegwentement imgedded, (ara foll 5);

10. Illi s-socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti hi wkoll azzjonista fis-socjeta` Maltija bl-isem *AKA Investment Holdings Limited*, liema socjeta` Maltija hi wkoll proprjetarja tal-appartament jew ufficcju fil-*Portomaso Business Tower*, Livell numru 12, San Giljan, flimkien mall-ispazju ghall-parkegg numru 3018, (ara foll 16);

11. Illi jirrizulta li l-partijiet kienu minn dejjem miftehma li l-prezz tal-bejgh involut kien ta' zewg miljuni, mija u hamsin elf euro, (€2,150,000.00), (ara foll 6);

12. Illi *di piu`*, l-osservanza tar-rekwiziti tal-ligi dwar il-verifiki necessarji ta' *"due diligence"* u *"source of funds"* kien fuq il-kompratur, (ara foll 7 u foll 47);

13. Illi permezz ta' konvenju *in atti* tan-Nutar Dr. Peter Fleri Soler datat id-9 ta' Marzu, 2012, kif sussegwentement imgedded, (ara foll 5), ir-rikorrenti intrabtu li jbieghu lill-intimat Manfred Unger l-azzjonijiet tas-socjeta` *Euromed Investments Limited*, liema socjeta` hi azzjonista u proprjetarja kif indikat qabel, (ara paragrafu numru ghaxra, (10.));

14.0. Illi permezz ta' sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta fl-ismijiet ***Unger vs. Ashur et*** datata l-***15 ta' Dicembru, 2014***, (ara foll 12), l-istess qorti fost ohrajn:

14.1. Laqghet it-talba tar-rikorrenti f'dik il-kawza, (Unger);

14.2. Ordnat li l-kuntratt in dizamina jigi ppubblikat skont il-konvenju *de quo* fil-hin u post, hemm indikati, (ara foll 20);

14.3. Ordnat li l-pubblikazzjoni tal-istess kellha ssir mill-imsemmi Nutar Dr. Peter Fleri Soler;

14.4. Innominat lil Dr. Abigail Critien Kuratur ghall-eventwali kontumaci;

15. Illi ghalkemm ir-rikorrenti odjerni, li kienu l-intimati fil-kawza indikata fil-paragrafu precedenti appellaw mill-istess sentenza in dizamina, jirrizulta li fit-18 ta' Marzu, 2016, dawn effettivament cedew l-istess appell minnhom inoltrat, (ara foll 29);

Ikkunsidrat:

16. Illi permezz ta' rikors kongunt datat l-14 ta' Gunju, 2016, (ara foll 102), l-istess partijiet involuti jirrizulta li qabblu li effettivament il-kuntratt in kontestazzjoni f'dawn id-diversi atti

kellu jigi ppubblikat fl-14 ta' Lulju, 2016, fit-3.00 ta' wara nofsinhar, (ara foll 102);

17. Illi effettivament l-istess kuntratt hawn in dizamina kien ippubblikat minn Nutar fuq indikat li kien espressament nominat ghal dan il-ghan mill-istess qorti u fil-prezenza ta' Dr. Abigail Critien li kienet ukoll espressament nominata bhala Kuratur Deputat skont il-htiega, (ara foll 74 u foll 83, u paragrafu numru erbatax (14.);

18. Illi l-istess kuntratt, kien gie ezegwit biss in konsegwenza ta' talba appozita kongiunta naxxenti mill-imsemmija sentenza tal-qorti involuta, u *nonostante dan*, ir-rikorrenti xorta wahda jirrizulta li pprezentaw ir-rikors guramentat promotur li ta bidu ghall-procedura odjerna, u dan, wara li l-att ta' kompra-vendita in dizamina kien gie debitament ippubblikat fuq ordni legittimu kurjali – biex permezz tal-istess jitolbu l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni in dizamina biex il-kuntratt *de quo* jigi stultifikat kontra l-istess ordni tal-imsemmija decizjoni kurjali fuq riferita;

Ikkunsidrat:

19. Illi skont l-artiklu 829 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

> "Kull persuna tista' minghajr ma hu mehtieg li qabel ikun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha bil-mezz ta' wiehed jew izjed mill-atti kawtelatorji hawn taht imsemmija, illi wara li jigu mharsa minn dik il-persuna l-kondizzjonijiet li jrid dan il-Kodici, jigu mahruga u esegwiti taht ir-responsabbilita` taghha";

20. Illi skont l-artiklu 873 tal-istess Kap 12 jigi sottolineat li:

> "(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat";

> “(2) Il-qorti m’ghandiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrenti *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet”;

Ikkunsidrat:

21. Illi fid-decizjoni tal-***Prim’Awla tal-Qorti Civili***, fl-ismijiet ***PF Steel Limited vs. Tal-Herba Construction Limited***, datata l-***24 ta’ Gunju, 2011***, gie ritenut is-segwenti:

> “Peress li l-ghan ta’ talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista’ tkun ta’ hsara jew pregudizzju lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu r-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrenti jkun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultawx, il-qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni, bhal kull mandat kawtelatorju, isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita”;

Ikkunsidrat:

22. Illi ghandu jkun pacifiku li l-iskop principi ta’ mandat ta’ inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga - tkun xi tkun – li tkun ser tirreka hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat *de quo*;

23.0. Illi fid-dawl tal-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq citat, (ara paragrafu numru ghoxrin (20.), aktar qabel, ir-rekwiziti li qorti hi obbligata li tfittex biex tordna l-hrug ta' dan il-mandat hekk drastiku huma essenzjalment is-segwenti:

23.1. Illi l-intimat ikun qieghed jaghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara lir-rikorrenti;

23.2. Illi jkun jidher li *prima facie* ir-rikorrenti ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-intimat milli jaghmel dik il-haga li permezz taghha ikun jista' jirrekalu hsara;

23.3. Illi l-mandat *de quo* ikun necessarju biex jigi konservat dak id-dritt vantat mir-rikorrenti;

24. Illi skont kif irriteniet il-***Qorti tal-Appell*** fis sentenza fl-ismijiet ***Giacomo Galea vs. Pio Bezzina***, datata l-***5 t'Awwissu, 1954***:

> "... dawn huma t-tliet indaginijiet li l-qorti ghandha taghmel ..., u ma ghandiex tmur aktar 'l hemm u tiddeciedi fuq id-dritt tar-rikorrenti; altrimenti tkun qeghda tiddeciedi l-mertu tal-kawza li ghaliha jirreferixxi il-mandat, liema mertu mhux quddiem din il-qorti";

25. Illi *di piu`*, b'mod l-aktar succint, jigi sottolineat li l-procedura in dizamina hi principalment wahda li tikkwalifika biss bhala procediment sommarju u bl-ebda mod m'ghandu jkun koncess li tali procedura tigi uzurpata mod iehor;

Ikkunsidrat:

26. Illi minn ezami tal-fatti kif fuq sintetikament elenkati ghandu jirrizulta pacifiku li r-rikorrenti naqas li jipprova li l-mandat ta' inibizzjoni minnu mitlub hu necessarju b'tali mod li n-nuqqas ta' hrug tieghu ser isarraf f'dannu irrimedjabbli ghalih;

27. Illi in effetti, jirrizulta debitament assodat mill-atti in dizamina li l-kuntratt li permezz tal-procedura prezenti r-rikorrenti qieghed jittenta li jimpedixxi milli jigi ippubblikat effettivament gia` gie debitament ippubblikat fl-14 ta' Lulju, 2016, u dan, kif *del resto* kienet ordnat il-qorti fuq indikata fis-sentenza taghha datata l-15 ta' Dicembru, 2014, (ara foll 20, 48 u 83);

28. Illi ghalhekk jirrizulta li dak li r-rikorrenti qed jippruvaw jimpedixxu effettivament gia` sar, u sar b'mod legittimu a bazi ta' sentenza li ghaddiet in gudikat;

Ikkunsidrat:

29. Illi fid-dawl tal-publikazzjoni tal-att in dizamina jirrizulta pacifiku il-procedura inoltrata mir-rikorrenti hi biss tentattiv superfluwu biex jipprovaw jimpedixxu inutilment haga li gia` sehhet b'mod issa irrimedjabbli;

30. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li wiehed mir-rekwiziti biex jista' legittimament jinhareg il-mandat ta' inibizzjoni *de quo* ma jirrizultax li gie sodisfatt;

31. Illi in effetti r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-impossibbli minn din il-qorti *stante* li qed jitolbuha tinibixxi lill-intimati milli jersqu ghall-kuntratt li effettivament gie gia` ippubblikat a bazi ta' sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta u li anke ghaddiet in gudikat;

32. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li f'dan l-istdju l-hrug ta' mandat t'inibizzjoni jirrizulta irrilevanti *stante* li ghandu jkun ovvju li l-ebda qorti s'issa m'ghandha il-fakulta` tbiddel il-passat peress li l-kuntratt li r-rikorrenti qed jipprovaw jinibixxu gia` gie ppubblikat fuq l-ordni kurjali fuq indikat;

33. Illi konsegwenza tal-istess jirrizulta assodat li wiehed mir-rekwiziti kumulattivament mehtiega ghall-hrug tal-mandat in dizamina jirrizulta karenti u konsegwentement it-talba tar-rikorrenti qatt ma tista' tigi ikkunsidrata favorevolment;

**DECIDE:**

34.0. Illi in vista tal-premess tqis li r-rikorrenti ma ipprovawx it-talbiet taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

34.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

34.2. Tirrevoka ghalhekk *contrario imperio* id-digriet preliminari taghha fuq riferit u datat il-11 ta' Lulju, 2016;

34.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-istess rikorrenti *in solidum*.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**